MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 480/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Jonathan Farrugia**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis* u Jonathan Farrugia talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Gunju 2004, f'xi hin bejn it-tlieta u nofs (03:30hrs) u l-erbgha u nofs (04:30hrs) ta' filghodu gewwa l-istabbiliment Red Square u kif ukoll gewwa Triq San Gorg, San Giljan;

(1) minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi, permezz ta' strument li jaqta' jew inniggez, fil-gisem ta' Jean Pierre

Gatt, u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 219 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Luke Bugeja, u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338(mm) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jonathan Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikoli 214, 218, 221, 338(dd), 338(m) u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' sittin euro (€60) u ghal terminu ta' sentejn prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Jonathan Farrugia pprezentat fid-9 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata jew, alternattivament tirriforma l-istess sentenza billi tirrevoka dik il-parti fejn gie misjub hati ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn giet erogata l-piena ta' sentejn prigunerija u minflok issibu hati ta' l-imputazzjoni kontemplata fl-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali bl-attenwanti tal-provokazzjoni u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena;

**4.** Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2011 li permezz taghha cahdet l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-imsemmi Jonathan Farrugia esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Wara li din il-Qorti kif presjeduta ddisponiet mill-ewwel zewg aggravji ta’ l-appellant bis-sentenza precitata ta’ l-4 ta’ Mejju 2011, issa se tghaddi biex tikkunsidra r-rimanenti aggravji ta’ l-appellant li, fil-qosor, huma s-segwenti: (1) li ma jirrizulta minn imkien li l-offiza sofferta minn Jean Pierre Gatt kienet gravissima fit-termini ta’ l-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti kien “kemmxejn superficjali” u ghazlet li temmen f’kollox lil Jean Pierre Gatt u lil Luke Bugeja u tiskarta dak kollu li qal l-appellant u l-ko-imputat *omissis* peress li x-xiehda taghhom kienet “affett[a] b’diversi aspetti kontradittorji”.

**7.** Dwar l-ewwel aggravju msemmi fil-paragrafu precedenti (it-tielet fir-rikors ta’ appell), l-appellant jghid li skond l-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament il-paragrafu (b) tas-subinciz (1) tieghu, sabiex l-offiza tigi kkunsidrata bhala gravissima jinhtieg li tkun gravi <u>u</u> permanenti. L-appellant jissottometti li, filwaqt li mhux qed tigi kontestata l-permanenza ta’ l-isfregju, tali permanenza ma hijiex wahda sufficjenti ghar-reat kontemplat fl-artikolu 218 jekk ma tkunx abbinata mal-gravita` ta’ l-istess reat. F’dan il-kaz, ikompli l-appellant, Dr. Thomas Armatis xehed li huwa ezamina lil Jean Pierre Gatt fil-gurnata ta’ l-incident u qatt ma rega’ rah wara. Ma xehed ebda tabib iehor f’dan il-kaz. Fit-2 ta’ Gunju 2008, il-Magistrat ikkonstata personalment illi fuq in-naha tal-lemin ta’ wicc l-imputat kienet tidher cikatrici cirka tliet centimetri. L-appellant jinsisti li dawn il-provi ma jistghux iwasslu ghar-reita` skond l-artikolu 218 imsemmi.

**8.** Din il-Qorti taghmel referenza l-ewwelnett ghas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta’ Lulju 2004 fejn intqal:

**“Il-kwistjoni ta’ jekk offiza hix wahda hafifa u ta’ importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta’ fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta’ guri, ghalhekk, rimessa f’idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f’idejn il-gudikant ta’ l-ewwel**

**grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.**"

**9.** Huwa proprju dan li jidher li ghamlet l-ewwel qorti. Wahda mill-konstatazzjonijiet li ghamlet inoltre kien meta fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2008 – kwazi erba' snin wara l-incident – xehed Jean Pierre Gatt u l-Magistrat sedenti talbu javvicinah "halli nara l-ferita li ghandek fuq il-fronti tieghek". Dik il-Qorti mbaghad ivverbalizzat hekk: "Il-Qorti tirrileva illi fuq in-naha tal-lemin ta' wicc l-imputat tidher cikatrici cirka tliet centimetri". Dan kollu wassal lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi li Jean Pierre Gatt garrab offiza ta' natura gravi fit-termini ta' l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. u li din l-offiza kienet ir-rizultat dirett ta' l-intervent ta' l-appellant.

**10.** Issa, bhalma ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija v. Fortunato Sultana** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Frar 1998, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghall-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**11.** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:

**"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi**

**postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."**

**12.** Imbaghad fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Spagnol** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:

**"Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (*Il-Pulizija v. Emily Zarb*, App. Krim., 15/2/58, Kollez. Deciz. XLII.iv.1245, 1248)."**

**13.** Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich** deciz fit-2 ta' Settembru 1999:

**"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju (*'disfigurement'*) fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-**

**Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."**

**14.** Issa, waqt sottomissjonijiet orali, id-difiza qalet li aktar mill-permanenza kienet qed tikkontesta l-gravita`. Effettivament, l-ewwel Qorti kellha kull dritt tikkunsidra l-offiza fuq mohh Jean Pierre Gatt bhala wahda permanenti galadarba erba' snin wara l-incident kienet ghadha tidher cikatrici. U din il-Qorti, li rat lil Jean Pierre Gatt f'seduta mizmuma appozitament fil-5 ta' Ottubru 2011, setghet ukoll tosserva cikatrici fuq in-naha tal-lemin ta' mohh l-istess Gatt. Fil-kaz ta' l-artikolu 216(1)(b) l-offiza trid tikkostitwixxi sfregju filwaqt illi fil-kaz ta' l-artikolu 218(1)(b) l-isfregju jrid ikun "gravi u permanenti". Fil-kaz in ezami din il-Qorti tghid bla tlaqliq illi ghalkemm l-offiza li garrab Jean Pierre Gatt fuq in-naha tal-lemin ta' mohhu tikkostitwixxi sfregju ta' natura permanenti, ma tikkwalifikax bhala sfregju <u>gravi</u> ghax ghalkemm tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u tidher minn distanza normali, mhijiex tali li tikkawza xi forma ta' ribrezz. Kwindi dak li huwa applikabbli f'dan il-kaz huwa l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**15.** Permezz tat-tieni aggravju fuq imsemmi (ir-raba' aggravju fir-rikors ta' appell), l-appellant qieghed bazikament jitlob li jsir apprezzament mill-gdid tal-provi. Huwa jissottometti:

"Illi rrizulta mill-provi li fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Gunju tas-sena 2004 inqalghet glieda bejn min-naha wahda l-esponent u l-ko-imputat Mark Spiteri u min-naha l-ohra Jean Pierre Gatt u Luke Bugeja. Il-fatt li l-offizi sofferti minn Gatt u Bugeja kienu izjed evidenti minn dawk sofferti mill-esponent u minn Spiteri ma jrendix necessarjament lil ta' l-ewwel bhala l-agenti ta' reat u lil ta' l-ahhar bhala l-vittmi tieghu. Huwa importanti li jsir ezami approfondit tac-cirkostanzi u tad-dinamika ta' l-incident b'mod distakkat u b'mod oggettiv. Il-buon sens u l-esperjenza tal-hajja

jghallmu li hadd minn dawn l-erba’ persuni ma jista’ jinghata kredibilita` assoluta in kwantu l-perspettiva taghhom ta’ l-incident hija wahda totalment soggettiva u affetta minn istint naturali ta’ habi u ta’ l-involviment personali u amplifikazzjoni ta’ l-involviment ta’ terzi. Ma hijiex bl-akbar rispett verosimili l-verzjoni ta’ Gatt u Bugeja li gew aggrediti ghal xejn b’xejn! U huwa proprju ghalhekk li ghandu jsir ezami approfondit minghajr ma tinghata importanza zejda lill-verzjoni tal-persuni kollha involuti direttament.

“Illi l-esponent jghid li waqt li kienu fil-bar Red Square gewwa Paceville nqala’ battibekk li wassal lil Gatt ixejjer idejh quddiemu u jaqbad tazza u jsabbatha ma’ l-art. Il-battibekk kompla u Gatt qallu li ser jifqa’ sitta fuq l-esponent jew f’wicc l-esponent. Imbaghad bdiet il-glieda li wasslet ghall-konsegwenzi li huma l-mertu tal-kaz. F’xi hin Bugeja – li huwa pulizija izda li dakinhar kien pajzan – tefa’ dak li l-esponent haseb kien gas tad-dmugh. Din il-versjoni giet konfermata minn Mark Spiteri (ix-xiehda tieghu tkun ammissibbli f’kaz li ma jappellax). Il-Qorti tal-Magistrati skartat il-versjonijiet ta’ l-esponent u ghazlet li temmen il-versjonijiet ta’ Gatt u Bugeja li jinnegaw dan kollu u jaghtu x’tifhem li dan l-incident faqqa ghal xejn b’xejn! Jinghad bl-akbar rispett li l-versjoni ta’ l-esponent u ta’ Spiteri, li bl-ebda mod ma setghet tigi koordinata in kwantu gew arrestati immedjatament, hija ferm iktar verosimili. Ghalhekk, a parti ta’ x’wassal ghall-offizi sofferti minn Gatt u Bugeja, ma hemmx dubju li f’dan il-kaz kien japplika l-attenwant tal-provokazzjoni.”

**16.** L-ewwel Qorti kkonkludiet illi ma setghetx temmen il-verzjoni ta’ l-imputati, filwaqt li l-verzjoni tal-vittmi kienet korroborata mic-cirkostanzi. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-appellant pero` jghid illi ghandu japplika l-attenwant tal-provokazzjoni. Din il-Qorti, mill-provi migbura, ma tistax tikkonkludi li l-aggressjoni fuq Jean Pierre Gatt grat minghajr ma kien hemm xi incident antecedenti. Difatti l-appellant xehed kif

meta fil-gurnata in kwistjoni kien ir-Red Square f'Paceville flimkien ma' Mark Spiteri u zewg tfajliet ohra, Jean Pierre Gatt qabad tazza u kissirha ma' l-art fejn saqajn l-appellant. Skond Mark Spiteri, Jean Pierre Gatt hataf it-tazza lit-tfajla li kien hemm hdejh (hdejn Mark Spiteri), xorobha u kisser it-tazza ma' saqajh. Jigifieri huwa verosimili li dan kien l-ewwel incident li mbaghad wassal ghall-glieda li nqalghet bejn dawn iz-zghazagh. L-appellant, pero`, isemmi wkoll li Luke Bugeja sprejja xi haga tahraq u dak il-hin kien hemm tgegwigija tan-nies. Mark Spiteri jghid li Bugeja sprejja xi haga go ghajnejhom. L-ewwel Qorti ma jidhirx li emmnet li kien gie sprejjat xi gass peress illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija ma rrizulta xejn minn dan. Dato ma non concesso li ntuza xi sprej fuq l-appellant, jibqa' l-fatt illi tali sprej ma ntefax minn Jean Pierre Gatt u ghalhekk, jekk kull ma ghamel Jean Pierre Gatt kien li kisser tazza hdejn saqajn l-appellant u siehbu, tali att ma jwassalx ghall-applikazzjoni ta' l-art 230 tal-Kap. 9. Mill-istqarrija ta' l-appellant u mix-xiehda li ta quddiem l-ewwel Qorti huwa evidenti illi l-appellant imkien ma jghid li b'xi mod miss lil Jean Pierre Gatt izda li huwa ggieled ma' Luke Bugeja, u ghalhekk jidher car li ried jiddistanzja ruhu mill-offizi li garrab Gatt. Anzi l-appellant irid li jitwemmen li meta Gatt kisser it-tazza, kull ma ghamel hu kien li qal lil Gatt "bil-mod naqra" u dan "la b'rabja u lanqas xejn". Jigifieri, kuntrarjament ghal dak li sostna fl-appell, qieghed hawn jghid li ma hassux ipprovokat mill-ksur tat-tazza. L-appellant jghid li Gatt wiegbu "hallik minn bil-mod ghax nifqa' sitta fuqek". Izda kien wara li hass il-hruq f'ghajnejh li l-appellant jghid li mar "biex izommu" lil dak li sprejja (jigifieri lil Luke Bugeja) izda dan hareg 'il barra. Kull ma jammetti l-appellant difatti hu li ggieled ma' Luke Bugeja. Issa Luke Bugeja xehed li dahal fil-glieda biex jaqbez ghal Jean Pierre Gatt u l-appellant tah daqqa fuq rasu. Cahad li sprejja xi haga. L-appellant jghid li ggieldu meta kienu barra. Fi kwalunkwe kaz, jekk stess Luke Bugeja sprejja xi haga, jidher li dan ghamlu biex jipprova jwaqqaf glieda bejn l-appellant u Gatt, u ma jistax jitqies bhala xi forma ta' provokazzjoni. Konsegwentement l-appell fil-mertu qieghed jigi michud.

**17.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz. Jghid illi l-incident ma kienx wiehed premeditat u sehh bhala konsegwenza ta' battibekk bejn erba' guvintur. Jghid illi, filwaqt illi l-agir tieghu, u del resto tal-persuni kollha nvoluti, ma jistax jigi kondonat, fl-istess hin il-fatt li l-glieda sehhet bejn erba' persuni u huwa l-appellant biss li ser jirrispondi bi prigunerija effettiva ma jistax jigi skartat. L-appellant izid jghid illi l-incident sehh meta kien ghadu minorenni u mmatur. Illum jimmerita li jinghata opportunita` ohra sabiex ikompli fit-triq it-tajba li qabad f'dawn l-ahhar snin.

**18.** Li l-appellant kien ghadu minorenni meta sehh il-kaz in ezami huwa minnu ghax jirrizulta li kellu sbatax-il sena. Dan ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti li ddikjarat li kienet qed tirriduci l-piena bi grad a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero` qieset ukoll illi huwa kien diga` bbenefika mnn zewg *conditional discharges* meta wkoll kien ghadu minorenni. Issa, l-ewwel Qorti kellha quddiemha anke *social inquiry report* fejn l-ufficjal tal-*probation* Joanna Farrugia qalet li l-appellant issa "rabba l-ghaqal". Qalet li qieghed jahdem bhala bennej, jinsab f'relazzjoni stabbli, u jqatta' l-hin liberu tieghu mat-tfajla jew jahdem fuq il-karozzi jew jiehu hsieb l-annimali li jrabbi gewwa remissa. Fl-istess rapport intqal li matul il-kumpilazzjoni tar-rapport "spikka ferm il-mod kif gew affettwati l-vittmi u ghalhekk qed jigi nnutat l-importanza tal-kuncett hekk imsejjah *restorative justice*, li permezz tieghu jittiehdu in konsiderazzjoni l-ingurji li jkunu sofrew il-vittmi u l-komunita` meta jkun twettaq reat. Fil-qofol ta' dan il-kuncett insibu l-kumpens lejn il-vittmi tar-reat u s-servizz fil-komunita` bhala ordni tal-Qorti."

**19.** Fil-mori ta' dan l-appell, din il-Qorti orndat li jsir aggornament tas-*social inquiry report*. Minn dan ir-rapport jirrizulta li l-appellant ma baqax fl-istess relazzjoni li kellu u jinsab f'relazzjoni gdida. Pero` jidher li baqa jibni fuq l-istabbilta` tieghu specjalment fejn jidhol l-element tax-xoghol. Ilu fl-istess impjieg ghall-ahhar tliet snin, huwa xoghol regolarizzat u jidher li huwa "persuna biezla hafna u fdata fuq il-post tax-xoghol". Minn kuntatti li ghamlet l-ufficjal tal-*probation* ma' l-agenzji SEDQA, CARITAS u

OASI, kif ukoll mad-DETOX, ma jirrizultax illi l-appellant qatt kellu kuntatt maghhom fuq problemi ta' droga u/jew alcohol. Test ta' l-urina gewwa l-Ufficcju tal-*Probation* irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi lleciti. Ma jirrizultax li kellu kazijiet ohra li fuqhom tressaq il-Qorti wara dak odjern.

**20.** Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-aktar mezz idoneju kif ghandu jigi trattat l-appellant. L-ewwel Qorti probabilment iddecidiet li tinfliggi piena effettiva ta' prigunerija principalment minhabba l-fatt illi l-appellant kien diga` bbenefika minn zewg *conditional discharges* u minhabba l-offizi nflitti minnu fuq, in partikolari, Jean Pierre Gatt. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt, pero`, illi l-ewwel Qorti kienet qed tapplika l-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-piena hija dik ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin, mentri din il-Qorti qed issib li l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 216(1)(b) ta' l-istess Kap. 9 fejn il-piena hija ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin. F'dan il-kaz, wara li ghaddew aktar minn seba' snin u nofs mill-incident in kwistjoni fejn l-appellant baqa' b'kondotta nadifa, wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ir-rizultanzi tas-*social inquiry report* u ta' l-aggornament tieghu, u wara li semghet anke lil Jean Pierre Gatt, hi tal-fehma li huwa aktar opportun li l-appellant ipatti ghall-agir tieghu billi jwettaq xoghol fil-komunita` u billi b'xi mod jikkumpensa lill-imsemmi vittma li xehed li kien tilef kwazi elf liri Maltin ghax waqaf xi tliet xhur mix-xoghol. Barra minn hekk ikun opportun li l-appellant jibqa' taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* sabiex ikun assigurat li jibqa' fit-triq it-tajba, u dan b'kundizzjonijiet idoneji fosthom li jaghmel kors fil-*first aid* mas-St. John's Ambulance Brigade sabiex b'hekk – kuntrarjament ghal dak li ghamel fil-kaz odjern – jitghallem jassisti lil min ikun midrub.

**21.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq Jean Pierre Gatt bi ksur ta' l-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok issibu hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq Jean Pierre Gatt bi ksur ta' l-artikolu 216(1)(b) ta' l-istess Kap. 9, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant

sentejn prigunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-imsemmi Jonathan Farrugia jitqieghed taht ordni ta’ probation u servizz taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta’ servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta’ l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhhu ma’ l-ordni jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 24 ta’ l-istess Kap. 446, tordna lill-appellant ihallas lil Jean Pierre Gatt bhala kumpens is-somma ta’ elf u mitejn euro (€1,200) minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe somma ulterjuri li tista’ tkun dovuta. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------